MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 609/2003

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Meli sija bil-polza sija bil-ligi**

**Vs**

**Emanuel Barbara**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm591.00c (hames mija u wiehed u disghin lira Maltin) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn cahad li kien responsabbli ghall-incident.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Li fir-Road Accident Report il-pulizija li nvestiga l-incident qal li l-assigurat tas-socjeta’ attrici ddikjara kif gej:

“I was stationary on the give way sign with the other vehicle on my right.  We emerged together,  I saw that I had not enough space to proceed, stopped and was hit by the trailer.”

Il-konvenut qal:

“I was stationary on the middle lane.  The other vehicle was on my left.  As the flow of traffic permitted, I emerged from the give way sign and felt the bump from the other vehicle.”

Il-konvenut xehed li kien wieqaf fuq il-give way sign fil-lane tan-nofs.  Fuq il-lemin tieghu kien hemm vetturi.  Hu saq u baqa’ fuq is-side tieghu.  Mar-roundabout baqa’ jdur hu u kien hemm karozzi fuq il-lemin tieghu.  F’hin minnhom hass daqqa fuq ix-xellug tat-trakk.  Meta nizel mit-trakk sab id-driver tal-Mercedes li qallu li kien mghaggel ghax kien part time bit-taxi u ried jiskapolah fuq ix-xellug tieghu.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li meta gew il-pulizija d-driver tal-Mercedes allega li hu kien rassu.

Mario Spiteri qal li hu kien fuq ix-xellug tat-trailer u hu u t-trailer hargu flimkien fid-direzzjoni ta’ Hal Luqa.  Id-driver tat-trailer gibed lejn id-direzzjoni tieghu u ghalhekk hu tela’ is-central strip.  Spiteri qal li t-trakk biex seta’ jdur, bilfors kellu jigbed lejn ix-xellug.

Fil-kontro-ezami Spiteri qal li qabel l-incident hu u t-trakk kienu wieqfin fil-give way sign u mill-give way sign imxew flimkien.  Spiteri mbaghad ftakar li meta ra t-trakk, waqaf, ghaliex it-trakk kien diehel go fih.  Spiteri qal ukoll li meta qalghu flimkien it-trakk qabzu.

It-Tribunal isib diffikulta' biex jemmen il-verzjoni ta' Mario Spiteri kemm minhabba l-attegjament tieghu waqt ix-xhieda u kemm minhabba l-fatt li jghid li t-tnejn kienu wieqfin fuq il-give way sign hdejn xulxin u telqu flimkien u minkejja dan it-trakk qabzu.

Illi huwa iktar verosimili li t-trakk telaq l-ewwel u Spiteri haseb li seta' jghaddi bejn it-trakk u t-traffic island minflok qaghad jistenna ftit. Fir-roundabout kien Spiteri li kellu jaghti d-dritta lill-vetturi fuq il-lemin tieghu. (Section 221 tal-Highway Code). Spiteri m'allegax li wara l-incident it-trakk baqa' sejjer.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu. (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)"

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici ma gabitx provi konvincenti li l-konvenut kellu tort fl-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------